# IT-TURIŻMU F'MALTA

***ta' Katrina Grima, 5.2***

It-turiżmu f'Malta hu importanti. Mingħajr turisti ma jkollniex biżżejjed flus u allura Malta tkun fqira. Bis-saħħa tat-Turisti, l-Maltin ikollhom ix-xogħol. Għalhekk aħna rridu nieħdu ħsiebhom.

It-turisti jiġu s-sena kollha imma l-iktar fis-sajf biex igawdu l-baħar. Huma jiġu hawnhekk bl-ajruplan jew bil-vapur. It-turisti meta jiġu joqogħdu ġol-lukandi. Dawn il-lukandi jkollhom il-pixxina u jkunu kbar. Minflok lukanda jista' jkun li jmorru ġo appartament jew ikollhom dar tagħhom diġà f'Malta.

Huma jmorru l-Belt Valletta u hawnhekk iżuru l-katridral jew it-Teatru Manoel. Jistgħu jmorru ġo wied kbir mimli ħaxix. Ukoll jistgħu jmorru jaraw it-tempji li wkoll jissejħu preistoriċi bħal dak ta' Ħal Tarxien, Għar il-Kbir jew Għar Dalam.

Aħna rridu nieħdu ħsiebhom lit-turisti billi ngħinuhom, inżommu l-paċi bejnietna u mhux niġġieldu u ma nisirquhomx. Irridu nżommu l-ambjent tagħna nadif għax jekk ma nżommux nadif it-turisti ma jgħidux lill-familjari tagħhom biex jiġu jżuruna huma wkoll.

Bla turisti jagħlqu l-lukandi u ma jkollniex biżżejjed xogħol, flus u ġid. It-turiżmu hu importanti ħafna f'Malta.



